MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 10/2005/1

**Vincent Baldacchino**

**v.**

**Claudette Farrugia mart Vincent Baldacchino minnu legalment separata**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell mill-attur mis-sentenza tal-Qorti Civili, Sezzjoni Familja tas-27 ta' April 2006, li cahdet it-talba

tieghu ghall-annullament taz-zwieg tieghu mal-konvenuta. L-attur ibbaza t-talba tieghu fuq il-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap 255 – difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u simulazzjoni.

**2.** Fl-att tac-citazzjoni, ippresentat fl-14 ta' Jannar 2005, l-attur ippremetta hekk:

1. Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar it-30 ta' Marzu 1997 skond certifikat taz-zwieg anness ma' l-istess citazzjoni;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;

3. Illi l-istess kontendenti kienu sseparaw legalment minn ma' xulxin in forza ta' kuntratt pubbliku in atti Nutar Dottor Remigio Zammit Pace datat 23 ta' Lulju 2002;

4. Illi huma kienu dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr ebda preparazzjoni serja ta' xejn u "difatti minn l-ghada tat-tieg huma baqghu jghixu hajja kompletament indipendenti minn xulxin tant li qatt ma kienet tezisti relazzjoni veritjiera ta' koppja mizzewga u kienu jitrattaw u jikkomportaw ruhhom fil-konfront ta' xulxin b'mod legger u kazwali aktar qishom semplici hbieb";

5. Illi mill-bidu nett taz-zwieg, il-konvenuta bdiet tinsisti li ma tridx ikollha tfal fiz-zwieg taghhom;

6. Illi l-konvenuta qatt ma kkomportat ruhha bhala mara mizzewga fil-konfront ta' l-attur tant li baqghet tagixxi bhallikieku kienet ghadha xebba;

7. Illi l-konvenuta qatt ma kellha l-intenzjoni li tibqa' fidila lejn zewgha tul hajjitha u anqas qieset ir-rabta ta' bejniethom bhala dejjiema tant li ma l-icken intopp li nqala' bejniethom, hija mill-ewwel irrikorriet ghas-separazzjoni minghajr ebda konsiderazzjoni ta' xejn u dahlet f'relazzjoni ma' haddiehor;

8. Illi ghalhekk il-kunsens taz-zewg partijiet jew min minnhom fil-mument taz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(d) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi inoltre l-kunsens taz-zewg kontendenti jew min minnhom kien fil-mument taz-zwieg ivvizzjat stante li nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(f) Kap 255;

10. Illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Marzu 1997 huwa null u bla effett fil-ligi;

Premess dan, l-attur talab lill-ewwel Qorti li tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fit-30 ta' Marzu 1997 huwa null u bla ebda effett legali u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

**3.** Fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha, presentata fit-12 ta' Awissu 2005, Claudette Farrugia qalet hekk:

1. Illi l-eccipjenti taqbel li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) huwa null u bla effett skond il-ligi, u dan <u>unikament</u> billi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll billi l-kunsens ta' l-istess partijiet kien vizzjat peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

2. Illi l-esponenti qatt ma batiet minn xi anomalija psikologika, serja jew xort'ohra, li ghamlitha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u lanqas huwa minnu li hi ma kellhiex l-intenzjoni li tibqa'

fidila lejn zewgha tul hajjitha, jew li lanqas qieset ir-rabta taz-zwieg bhala dejjiema.

3. Illi ghaldaqstant l-eccipjenti m'ghandiex tbati wahedha l-ispejjez ta' din l-istanza.

## Is-sentenza appellata

**4.** Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) iddisponiet mill-vertenza b'sentenza tas-27 ta' April 2006, li fiha qatghet u iddecidiet l-kawza billi cahdet it-talba attrici bl-ispejjez.

L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi l-partijiet, li kienu jahdmu fl-istess generu ta' xoghol, izzewgu fit-30 ta' Marzu 1997 wara li kienu ilhom johrogu flimkien ghal circa tlett snin. Dak iz-zmien il-partijet kellhom eta' ta' 25 sena. Wara z-zwieg damu jghixu flimkien 3 snin u nofs, il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fit-23 ta' Lulju 2002. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

"Il-partijiet isostnu li huma kienu zzewwgu peress li hbiebhom kienu qed jizzewwgu, u dan kien il-"pass naturali li ahna naghmlu hekk ukoll"[1]. L-attur jsostni wkoll li, ghalkemm dawna kienu jghixu taht l-istess saqaf u jorqdu fl-istess sodda u jaghmlu l-att konjugali flimkien, ma kienitx tezisti hajja matrimonjali bejniethom u kull wiehed ifendi ghar-rasu. Huwa jddeskrivi r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta bhala wahda ta' hbiberija, u xejn aktar. Jghid ukoll li "<u>Fil-bidu</u> ma ridnix tfal assolutament …."[2].

"Il-konvenuta minn naha taghha, ghalkemm qablet ma' l-attur dwar in-natura tar-relazzjoni taghhom wara z-zwieg tispjega dwar it-tfal li hi ma kellhiex l-intenzjoni li jkolla tfal "Fil-bidu ghax ikun il-perijodu dak iz-zmien sakemm

[1] Fol.40
[2] Fol.42

tissetilja, imma meta rajt l-affarijiet li ma kienux daqshekk komdi, ta' koppja mizzewga, hassejt [li] ma kienx hemm skop…… li konna ghidna speci li ma jkollnix tfal ghall-ewwel sakemm nissetiljaw"[3]. Hija cahdet l-allegazzjoni li hi kienet insistiet li ma rieditx tfal.[4]

"Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu, u tosserva li partijiet mix-xhieda taghhom, partikolarment f'dik ta' l-attur, mhijex veritiera, u l-Qorti ma tatx affidament f'dan ir-rigward. B'mod partikolari l-Qorti ma tikkonsiderax veritera l-allegazzjoni taz-zewg partijiet li, ghalkemm dawn kienu jghixu flimkien kif fuq indikat, dawna kienu jikkunsidraw lil xulxin bhala hbieb u xejn aktar. Inoltre, ma rrizutlatx provata l-allegazzjoni li l-konvenuta ma kienitx riedet tfal miz-zwieg, anzi l-provi juru l-kuntrarju, fis-sens li kien hemm ftehim bejn il-koppja li ma jkollomx tfal fil-bidu sakemm jissetiljaw.

"Il-Qorti tosserva in propositu li l-kuncett ta' l-esklusjoni posittiva ta' tfal fiz-zwieg huwa wiehed totalment differenti, anzi huwa dijametrikalment oppost ghall-kuncett tal-ippjanar taz-zmien meta l-att konjugali jsir bi skop ta' prokreazzjoni tat-tfal – wiehed jeskludi lill-iehor, ghax jew teskludi kompletament il-prokreazzjoni tat-tfal, jew tipprospetta li jkollok it-tfal fil-futur u tippjana z-zmien tal-koncepiment, naturalment safejn dan huwa normalment possibbli.

"Il-premess jimmilita kontra l-kawzali bazata fuq il-paragrafu (f) tal-Artikolu precitat. In propositu gie osservat in vena legali li s-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habet substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Ikun hemm simulazzjoni f'kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att pozittiv tal-volonta` taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali]

[3] Fol.52 u 54
[4] Fol.55

*[PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996] [PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk. Dr. Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002].* Il-principju jibqa' dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jgifieri li l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.

"Fil-kaz odjern il-provi prodotti mhumiex sufficjenti biex jintegraw dan il-*caput nullitatis*. Ma rrizultax sodisfacentement pruvat li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, il-partijiet jew wahda minnhom, eskludiet xi obbligu jew dritt essenzjal ghall-hajja matrimonjali, inkluz l-att konjugali. Ghalhekk din il-kawzali ma treggix.

"Illi rigward it-tieni kawzali bazata fuq id-dispost tal-paragrafu (d) gie osservat fil-kawza *"App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, <u>fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens</u>, parti jew ohra, tkun priva b'mod sostanzjali, ossia "<u>gravi</u>", minn dik il-fakolta` kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva <u>dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg</u>; jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement <u>nuqqas ta' hsieb</u>, jew <u>nuqqas ta' riflessjoni</u>; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel <u>ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati</u> [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri*].
"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996]*

"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm <u>l-inkapacita</u>` psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali

li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

“Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta’ immaturita` ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-*caput nullitatis*. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta’ maturita` jew edukazzjoni, izda ta’ l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[ PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003].*

“Il-premess, applikat ghall-fatti tal-kaz in disamina, iwassal ghall-konkluzjoni li din il-kawzali ma tinsabx sostnuta mill-provi. Ma jirrizultax provat li qabel iz-zwieg u senjatament, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens l-attur jew il-konvenuta kienu inkapacitati minn difett serju ta’ diskrezzjoni fit-termini tal-artikolu precitat.

“Illi f’dan il-kaz jidher li wara z-zwieg ir-relazzjoni bejn il-partijiet zviluppat diffikultajiet li wassluhom ghal separazzjoni personali, diffikultajiet probabbilment dovuti minhabba nkompatibilita` ta’ karattru u impenn zejjed da parti tat-tnejn fuq ix-xoghol, izda dawn il-fatturi ma jwasslux ghall-annullament ta’ zwieg li fil-mument li kien celebrat kien zwieg validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

“F’dan ir-rigward, hija applikabbli ghal kaz l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza *PA Marita Schembri vs Emanuel Schembri deciza 9.04.2003* fis-sens li ghandha issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizutaw [jizviluppaw] waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni, u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta’ l-annullament. Fil-kaz odjern ma jirrizultawx l-estremi tal-annullament.

"Illi rigward il-kawzali bazata fuq it-tieni parti tal-paragrafu (d), jigi osservat li ma ngabet ebda xintilla ta' prova f'dan ir-rigward, u ghalhekk l-allegazzjoni da parti ta' l-attur li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens il-partijiet, jew parti, kienu qed ibatu minn anomalija psikologika fit-termini tal-ligi, lampantament ma treggix.

"In fine hija opportuna l-osservazzjoni li "Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta` u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss." Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta` u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal-punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art. 992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh *[App.C Carmel D vs Pauline D – 28.07.1987, citata b' approvazzjoni PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002 u PA[PS] Chritine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002]*

"Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhix gustifikata la fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ma timmeritax li tigi milqugha."

## L-appell

**5.** Minn din is-sentenza appella l-attur. In essenza l-aggravju tieghu jikkonsisti fil-fatt illi, skond hu, is-sentenza appellata hija bbazata fuq interpretazzjoni zbaljata tad-disposizzjoni tal-ligi rilevanti, kif ukoll fuq il-bazi li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti.

**6.** Fir-risposta taghha, l-appellata qablet ma' l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu.

## Konsiderazzjonijiet preliminari dwar l-aggravji

**7.** Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant jissottometti illi z-zwieg tieghu mal-konvenuta appellata hu null minhabba zewg difetti tal-kunsens specifikati fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 19 tal-Kap 255, jigifieri li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg skond il-paragrafu (d) ta' l-imsemmi subartikolu, u, li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, skond il-paragrafu (f).

**8.** Dwar dawn iz-zewg *capita nullitatis* il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Carmelo Grima v. Mary Andrews** deciza fit-2 ta' Novembru 1998 qalet illi

**"[h]u appena necessarju jinghad li dawn iz-zewg difetti ma jistghux jikkoezistu fir-rigward tal-kunsens ta' l-istess persuna. Kif gie spjegat minn din il-Qorti fis-sentenza tal-11 ta' Dicembru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet *Raymond sive Ray Borg v. Vivien Zammit gia Vivien Borg*, is-simulazzjoni tirrikjedi att pozittiv tal-volonta` dirett lejn iz-zwieg innifsu jew lejn wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga (jew lejn id-dritt ghall-att taz-zwieg), mentri d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jimplika propju l-inkapacita` li wiehed jirrifletti u jaghraf, jew li jiddeciedi liberament, dwar l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Ghalhekk il-wahda teskludi l-ohra (dejjem, naturalment, a rigward tal-kunsens tal-istess persuna) (ara wkoll *Jacqueline Cousin v. Bernard Simler*, P.A., 3/6/98)."**

**<u>L-aggravju dwar is-simulazzjoni</u>**

**9.** Fir-rikors tieghu, l-appellant jikkontesta kemm l-analizi legali u dottrinali maghmula mill-ewwel Qorti kif ukoll l-apprezzament tal-provi maghmul mill-istess Qorti fis-sentenza taghha. Issa, il-Qrati Maltin ezaminaw kemm il-

darba l-elementi rikjesti sabiex jista' jinghad li kien hemm difett tal-kunsens kontemplat fil-paragrafu (f) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255. Fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Anna Galea v. John Walsh** deciza fit-30 ta' Marzu 1995, gie ritenut illi:
**"Hawn qieghdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u cioe` meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar <u>consensus simulatus</u> jew <u>consensus fictus</u>. Din is-simulazzjoni tista' tkun jew totali jew parzjali. Kif jispjega l-awtur Castano (Castano, J.F., <u>Il Sacramento del Matrimonio</u>, Roma, 1992): *"In generale si parla di <u>exclusio totale</u> e di <u>exclusio partiale</u>. La prima sarebbe la esclusione della totalita` matrimoniale, cioe` del <u>matrimonium ipsum</u>, mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo "parzialmente", vale a dire ad <u>essentiale matrimonii aliquod elementum</u> e ad <u>essentialem aliquam proprietatem</u>. Ad ogni modo, si tratti della esclusione totale o della esclusione parziale, per quanto riguarda l'effetto sulla validita` del matrimonio, non c'e` nessuna differenza, giacche` il matrimonio in ambedue i casi e` sempre invalido."* (op. cit. p. 382)."**

F'dik is-sentenza, il-Prim Awla tal-Qorti Civili kompliet tispjega illi:

**"L-eskluzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta' volonta` jew in-nuqqas ta' kunsens dwar xi element essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta` pozittiva li teskludi tali element essenzjali: *"Noi crediamo che l'espressione in questione voglia dire che non e` sufficiente la mancanza (assenza) dell'intenzione di escludere, ma e' necessaria la presenza (esistenza) di detta intenzione …. Quindi non basta che esista il nolle, ma si richiede il velle non. Solo cosi` siamo davanti ad un atto positivo di volonta`*. (Castano, op. cit. p. 384)."**

**"La il-legislatur Malti u anqas dak kanoniku ma enumeraw l-elementi essenzjali kollha tal-hajja mizzewga. Din il-Qorti, pero`, fis-sentenza taghha tal-4**

**ta' Novembru, 1994 fil-kawza fl-ismijiet *Angela Spiteri xebba Selvaggi v Joseph Spiteri* diga` kellha l-okkazjoni tosserva dan li gej fil-kuntest tal-artikolu 19(1) (d) tal-Kap. 255 ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg:**

**""Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conductive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be <u>mutual</u>, <u>permanent</u>, <u>continuous</u>, <u>exclusive</u> and <u>irrevocable</u> so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993, p. 687)."**

**"Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, ghalhekk tikkonkludi li fost l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif imfissra mil-legislatur fil-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 19 tal-Kap. 255 hemm id-dritt ghall-att konjugali intiz mhux fis-sens ta' semplici att ta' zwieg ossia kongungiment karnali normali – u dan hu previst fl-imsemmi paragarafu bhala "id-dritt ghall-att taz-zwieg" – izda fis-sens tal-koncessjoni reciproka da parti tal-partijiet tad-dritt perpetwu u esklussiv *"sul proprio corpo in ordine ai rapporti matrimoniali condotti in modo naturale, idonei cioe` alla procreazione. A tale diritto***

***corrisponde la reciproca concessione del relativo dovere”*** **(Bersini, F., Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci (Torino) 1994, p. 118). Ghalhekk min jidhol fiz-zwieg bil-hsieb maghmul (l-eskluzjoni posittiva), fil-mument li jinghata l-kunsens, li jcahhad lill-parti l-ohra minn dana d-dritt ossia li jonqos minn dana d-dover, ikun qieghed jinkorri fin-nullita` ravvizata fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255. Naturalment dak li jrid ikun gie eskluz posittivament huwa d-dritt fih innifsu; mhix bizzejjed ghalhekk l-intenzjoni li wiehed jabbuza minn dak id-dritt. Kif gie spjegat f’sentenza riportata f’Matrimonial Jurisprudence of the United States, 1975-76, Case number 39, pp 141-144:** ***“If there should remain a doubt whether the right to children or acts productive of children was excluded, or whether an abuse was intended, this doubt can be resolved by examining the circumstances and means by which the contraception is planned to be achieved. Should both parties by mutual consent agree that they have a right to children in their future marriage but will abstain from exercising this right by some means of contraception, then there is a recognition by them that they have a right to children but are not willing to use. If, on the other hand, one party plans on excluding children and at the same time pretends to his proposed partner that he is willing to have children, then such a deception already belies the other party’s right to a child. If, furthermore, during the course of the marriage the party who has practiced such a deception continues to insist on the practice of contraception contrary to the other party’s desires and expressed will, and is able to overpower as it were the other party by moral force to have relations only with contraceptives, then the exclusion of the right is further evident. It is impossible to reconcile the granting of a perpetual and exclusive right to the other party with such deception and moral force which overpowers the other party’s continued protestations.”*** **(ikkwotat f’Documentation II on Marriage Nullity Cases, Hudson, J.E., ed., Saint Paul University (Ottawa) 1979, p.121).**

**“Dan ifisser li l-posponiment tat-tfal u l-astensjoni mill-esercizzju tad-dritt jew mit-twettiq tad-dover – pero` dejjem fir-rikonoxximent tal-esistenza ta’ tali dritt u dover – kif ukoll l-eskluzjoni tad-dritt u dover in dizamina pero` f’xi zmien wara l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ma jwassalx ghan-nullita` taz-zwieg, ghalkemm dawn jistghu jkunu fatturi indikattivi tal-eskluzjoni posittiva fil-mument taz-zwieg jew ta’ kawza ta’ nullita` ohra. Trid issir, ghalhekk, distinzjoni bejn l-eskluzjoni tad-dritt u l-esercizzju ta’ dak id-dritt. Kif jispjega l-gurista Stankiewicz: *“Nella maggioranza dei casi, pero`, i contraenti non manifestano espressamente la volonta` contro il principio della “ordinatio ad prolem”, ne contro lo “jus coniugale”, ma semplicemente il proposito di astenersi dalla procreazione dei figli per un periodo di tempo, oppure di attenersi alla procreazione di delimitato numero di figli. Secondo il principrio della consolidata giurisprudenza rotale tale proposito non incide per se sul diritto coniugale, perche` non rimuove dal momento costitutivo delle nozze la “intentio prolis” e riguarda soltanto l’esercizio del diritto, che puo` a volte sfociare nel suo abuso.”* Pero jzid jghid, *“… anche l’exclusione temporanea o parziale della procreazione puo realmente incidere sullo stesso diritto coniugale, qualora la volonta` dei contraenti intendesse effetuare per un periodo di tempo la interruzione del diritto coniugale che e` un diritto permanente (perpetuo) ed ininterrotto.”* (Stankiewicz, A., L’Escluzione della Procreazione ed Educazione della Prole, f’Apollinaris, LXIII (1990) 3-4, p. 642-643, emfasi tal-Qorti)”.**

**“Fl-istess sens il-Bersini, gia` kkwotat, jghid: *“Si ritiene non di rado come assioma indiscutibile – e non invece semplice presunzione che cede alla verita` se viene provato il contrario – che tale esclusione temporanea non costituisca motivo di nullita` matrimoniale; mentre invece puo invalidare anch’essa il consenso quando comporti l’esclusione del diritto, sia pure temporanea, agli atti coniugali completi e***

***non semplicemente l'abuso del medesimo"* (op. cit. p. 119, enfasi tal-Qorti).**

**"Biex tikkonkludi, ghalhekk, din il-Qorti tosserva li ghall-fini ta' dana l-kap ta' nullita` … dak li jrid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi taghna fil-kamp civili, hu li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimoniali parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li ccahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif aktar 'l fuq imfisser ossia li tonqos mid-dover korrispondenti. Tali prova tista' ssir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens – basta li l-Qorti tqishom, <u>fic-cirkostanzi kollha tal-kaz</u>, li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, komkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens, cioe` ghaz-zwieg."**[5]

Fis-sentenza **Thomas Azzopardi v. Mary Azzopardi** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Dicembru 1996 il-Qorti osservat illi

**"[b]iex jirrizulta d-difett ravvizat fil-paragrafu (f) imsemmi, irid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi f'kawzi civili, li parti jew ohra, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, b'att pozittiv tal-volonta` eskludiet iz-zwieg innifsu jew element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista Castano, l-eskluzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta' intenzjoni jew in-nuqqas ta' kunsens dwar iz-zwieg jew dwar xi element essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta` ossia intenzjoni pozittiva li teskludi dak iz-zwieg jew dak l-element essenzjali."**

**10.** Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm ebda raguni ghala l-apprezzament tal-provi ta' l-ewwel Qorti ghandu jigi disturbat. L-uniku element essenzjali taz-zwieg li gie allegat li gie eskluz kien dak ghall-prokreazzjoni tat-tfal. Mill-provi jirrizulta illi ghalkemm dan id-dritt ma giex

[5] Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Settembru, 1996 fl-ismijiet **Bernardette Debono xebba Gauci v. Mario Debono,** u s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Jannar 2006 **Caroline Grech v. Ian Borg.**

ezercitat, ma jirrizultax li dan id-dritt gie eskluz pozittivament minn xi parti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, anzi kien hemm ftehim bejn il-kontendenti illi jipposponu l-ezercizzju ta’ dan id-dritt sakemm huma jissetiljaw fil-hajja matrimonjali taghhom[6]. Ovvjament peress illi bdew il-problemi bejniethom, iz-zewg partijiet imbaghad hassew illi ma kienx opportun li jkollhom tarbija.

**11.** Din il-Qorti taqbel ma’ l-ewwel Qorti li partijiet mix-xhieda partikolarment ta’ l-appellant ma kienux attendibbli. Fil-fatt id-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti f’certi aspetti ma taqbilx ma’ dak li jghid fl-affidavit tieghu. Hekk per ezempju waqt li fl-affidavit tieghu jghid illi: *“Illi fl-ewwel zminijiet wara li zzewwigna, b’sorpriza kbira ghalija, il-konvenuta bdiet tinsisti li ma tridx ikollha tfal .... jien xtaqt nibni familja u fil-fatt dan is-suggett kien wiehed mill-argumenti principali li wassal biex berriedna minn xulxin ... ....”* [7] , fid-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti huwa xehed illi *“Fil-bidu ma ridnix tfal assolutament, dak kien il-hsieb taghna jigifieri pero imbaghad meta bdejna naraw illi l-affarijiet huma tant apparti qieghdin minn xulxin li ovvjament nahseb kienet tkun fl-opinjoni tieghi gennata li kien ikollna tfal.”* [8] (enfasi tal-Qorti).

**12.** Il-kontendenti jallegaw ukoll illi huma eskludew posittivament iz-zwieg innifsu ghax, skond ma jallegaw, huma kienu jqisu lil xulxin biss bhala hbieb u xejn aktar. Hawnhekk ukoll din il-Qorti taqbel ma’ l-ewwel Qorti li din l-allegazzjoni ma hix sostnuta bi provi attendibbli. Fl-ewwel lok fl-affidavit tieghu l-attur appellant stess jibda biex jghid illi *“… qabel izzewweg lill-konvenuta, l-esponent kien ilu johrog maghha bhal namrata tieghu ghal madwar sentejn u nofs ... ...”* [9] (sottolinear tal-Qorti). Fid-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti huwa jkompli jghid illi huma zzewgu biex ikunu jistghu jghixu flimkien: *“In fatti, l-haga kienet qisha sajjetta, konna ghidna jekk nizzewwgux jew le speci biex nibdew nghixu flimkien u dik*

---

[6] Ara affidavit ta’ l-appellata a fol. 30 l-ahhar paragrafu; xhieda ta’ l-attur appellant a fol. 42 para. 8 tal-process; xhieda tal-konvenuta appellata a fol. 52 para. 4 tal-process.
[7] Ara affidavit ta’ l-attur a fol. 20/21 para 9 tal-process
[8] Ara deposizzjoni ta’ l-attur a fol. 42 para 8 tal-process
[9] Fol. 20

*kienet l-unika haga li ghamilna flok qbadna u bdejna nghixu flimkien konna izzewwigna."* [10] Fil-fatt jirrizulta mill-provi li l-att konjugali kien isir. Meta l-konvenuta appellata giet mistoqsija mill-ewwel Qorti ghaliex izzewgu, hija wiegbet hekk: *"Hsibna li konna maturi meta in fatti ma konnix."* [11] Ghalhekk certament ma jistax jinghad li meta taw il-kunsens taghhom, il-kontendenti jew xi parti minnhom eskludiet iz-zwieg innifsu. Il-fatt li jidher li ma tantx kien hemm preparamenti elaborati ghat-tieg[12] u l-allegazzjoni li l-kontendenti ma kienux juru l-emozzjonijiet taghhom esterjorment[13] ma jfissirx li huma eskludew b'att posittiv iz-zwieg innifsu.

**13.** In oltre, id-dikjarazzjoni tal-konvenuta appellata illi *"dak iz-zmien jien kont nittama li l-affarijiet ghad iridu jirrangaw, avolja fil-fond ta' qalbi kont naf li dan kien ser ikun zball kbir, kif fil-fatt gara"* [14] ma tistax tigi rrikonciljata ma' l-allegazzjoni taz-zewg partijiet illi fil-mument taz-zwieg huma eskludew posittivament iz-zwieg. L-allegazzjoni tal-konvenuta appellata illi *"t-tnejn li ahna ma konniex nafu x'verament ifisser il-kunsens taz-zwieg u t-tnejn li ahna ma konniex qed nassumu r-responsabbiltajiet taz-zwieg"*[15] ukoll tmur kontra l-ipotesi ta' simulazzjoni tal-kunsens ghaliex s-simulazzjoni tirrikjedi illi l-partijiet jeskludu z-zwieg jew xi elementi essenzjali tieghu b'att pozittiv tal-volonta` li minnu nnifsu jirrikjedi li l-partijiet ikunu konxji tas-sinifikat tal-kunsens taz-zwieg sabiex dawn ikunu jistghu jeskluduh pozittivament. Ghaldaqstant dan l-aggravju ghandu jigi michud.

**L-aggravju dwar difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u anomalija psikika**

**14.** Fir-rigward ta' dan il-*caput nullitatis,* fis-sentenza fl-ismijiet **Nicholas Agius v. Rita Agius** deciza fil-25 ta' Mejju 1995, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat spjegazzjoni

[10] Fol. 44
[11] Fol. 56
[12] Ara xhieda ta' omm l-attur a Mary Baldacchino a fol. 18 para. 6 tal-process.
[13] Ara xhieda ta' Myra Baldacchino a fol. 16 para 8 tal-process
[14] A fol. 29 para. 4 tal-process.
[15] A fol. 29 para. 5 tal-process.

ezawrjenti tal-kuncett ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta' gudizzju:-

**“B’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista Colagiovanni:** ***“Il-matrimonio, in quanto patto ossia “foedus”....richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che.... si tratta di assumersi una “servitus” per tutta la vita”*** **(Forum, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).**

**“Pero`, kif ga inghad, b’immaturita` jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta' gudizzju id-dottrina u l-gurisprudenza** ***“non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l'uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena”*** **(Pompedda, M.F., Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski-Pompedda-Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico (Padova, 1984), p. 46). Propju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni irid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.**

**"Kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti: *"la piena avvertenza e il deliberato consenso....La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva ... ... La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* (Bersini, F., Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994), p. 97).**

**"L-istess awtur, imbaghad, ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg: *"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra` essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all'assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l'esistenza con un contratto perpetuo e irrescindibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli***

***impegni che da quell’atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l’eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio”*** **(ibid. pp. 97-98). Hawnhekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta’ ghazla facli:** ***“....se il soggetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un’affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia....In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell’altra parte sia nei rigwardi della prole”*** **(Pompedda, M.F., Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991), pp. 231, 233).**

**“Biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta’ Viladrich: “Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to**

**discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" (Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686)."**

**15.** Fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant jipprova jsostni dan l-aggravju ta' difett fil-kunsens bis-segwenti allegazzjonijiet:

(1) illi matul is-sentejn u nofs gherusija, f'liema perijodu l-partjiet ma tgharrsux formalment, huma tkellmu biss fuq zwieg erba' xhur qabel iz-zwieg;
(2) il-konvenuta giet deskritta minn ommu u l-mara ta' huh bhala persuna dominanti;
(3) il-partijiet kienu jaraw f'xulxin semplicement hbieb u xejn aktar - allegazzjoni li ghar-ragunijiet moghtija iktar il-fuq, din il-Qorti diga` rriteniet li ma hix attendibbli;
(4) li fl-affidavit tieghu l-attur ighid illi r-raguni li ghaliha zzewgu kienet biex jitnaqqas l-iskarigg zejjed li kienu jaghmlu biex jiltaqghu u l-fatt illi huma qisu li kellhom jizzewgu bhalma kienu qieghdin jaghmlu shabhom – allegazzjoni li kif gie rilevat aktar il-fuq hija kontradetta b'dak li xehed *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti;
(5) ir-reazzjoni tal-familjari li hassew li kienu se jizzewgu malajr wisq;
(6) in-nuqqas ta' preparamenti elaborati ghat-tieg;
(7) li l-kontendenti kienu jitkellmu biss fuq ix-xoghol;
(8) in-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet fil-hajja mizzewga taghhom.

**16.** Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn l-allegazzjonijiet – li whud minnhom huma kontradetti minn provi ohra kif gia`

gie rilevat – ma jistghux iwasslu ghall-konkluzjoni li l-kunsens tal-partijiet jew ta' xi parti minnhom kien vizzjat minhabba nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ghall-finijiet tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1). Kif irriteniet din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-15 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet **Mario Mizzi v. Maris Mizzi** (u dan fuq l-iskorta ta' sentenzi ohra, fosthom dawk citati hawn aktar il-fuq f'din is-sentenza) biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm <u>l-inkapacita` psikika jew kostituzzjonali</u> (mhux necessarjament psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) li wiehed <u>jaghraf u jirrifletti</u> jew li <u>jiddeciedi liberalment</u> (jigifieri minghajr impulsi <u>interni</u> li jkunu <u>nehhew</u> il-liberta` tal-ghazla tal-persuna li tkun) fuq <u>l-oggett tal-kunsens matrimonjali</u>.[16] Fil-kaz odjern, l-ebda tali inkapacita` psikika jew kostituzzjonali ma giet ipprovata sal-grad li trid il-ligi f'kawzi civili. Huwa possibbli illi l-partijiet ma rriflettewx bizzejjed fuq il-pass li kienu se jwettqu, u li dan wassalhom biex jiehdu decizjoni zbaljata, izda dan in-nuqqas ta' riflessjoni ma huwiex bizzejjed biex iz-zwieg taghhom jigi ddikjarat null fuq difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.

**17.** Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant jaghmel referenza ukoll ghat-tieni parti ta' l-Artikolu 19(1)(d) jigifieri li l-kunsens ghaz-zwieg ikun vizzjat minhabba *"anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".* F'dan ir-rigward il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Samuela Lea Pavia v. John Pavia** deciza fl-20 ta' Mejju 1996 osservat illi *"l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom"*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti kienet korretta meta rriteniet illi din l-allegazzjoni ma tistax treggi stante illi bl-ebda mod ma giet ippruvata. Fil-fatt mil-provi kollha migjuba ma tirrizulta l-anqas xi ombra ta' anomalija psikologika.

---

[16] Ara wkoll **John Richards v. Margaret Richards**, Prim Awla tal-Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 2002 u **Caroline Grech v. Ian Borg** deciza fis-27 ta' Jannar 2006 mill-Qorti ta' l-Appell (diversament komposta).

**<u>Decide</u>**

**18.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a karigu tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------